REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1900

tas-27 ta' Ottubru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2)(b), l-Artikolu 54(4)(a) u (b) u l-Artikolu 90(a), (b) u (c) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 ([3]) jistabbilixxi r-regoli dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni ta' ċertu ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali, minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, dwar il-kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċertu ikel u għalf minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, fosthom l-aflatossini, ir-residwi tal-pestiċidi, il-pentachlorophenol u d-diossini, u l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u dwar is-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċertu ikel u għalf minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness IIa ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) Billi t-terminu "ikel kompost" fl-Artikolu 1(1)(b)(ii), fl-Artikolu 8, fit-Tabella 2 tal-Anness II u fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 ma jintużax bl-istess tifsira li jintuża biha f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, jixraq li dan it-terminu jiġi sostitwit bit-terminu "ikel li fih żewġ ingredjenti jew iżjed".

(3) Sabiex ikunu żgurati fehim u applikazzjoni uniformi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jixraq li tiżdied id-definizzjoni ta' "pajjiż tal-oriġini" fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) L-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jipprevedi li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II jridu jiġu riveduti b'mod regolari b'intervalli li ma jaqbżux perjodu ta' sitt xhur, sabiex titqies informazzjoni ġdida relatata mar-riskji u man-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

(5) L-Anness IIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jelenka l-ikel u l-għalf minn ċerti pajjiżi terzi li huma soġġetti li jiġu sospiżi mid-dħul fl-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 11a ta' dak ir-Regolament.

(6) Billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 ma jipprevedix b'mod espliċitu perjodu ta' applikabbiltà tal-miżuri ta' emerġenza għall-prodotti elenkati fl-Anness IIa, u billi dawn il-miżuri se jiġu rtirati jew immodifikati meta ssir magħrufa informazzjoni ġdida dwar ir-riskji u n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jenħtieġ li l-lista stabbilita fl-Anness IIa ta' dan ir-Regolament tiġi riveduta b'mod regolari wkoll. Għaldaqstant jixraq li jiġi emendat l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(7) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti riċenti marbuta mal-ikel innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf ("RASFF"), kif stabbilita permezz tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri fuq l-ikel u l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali fit-tieni semestru tal-2020, jindikaw li jenħtieġ li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu emendati biex titħares is-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni.

(8) B'mod partikolari, għall-kunsinni ta' lumi mit-Turkija, id-*data* li tirriżulta min-notifiki li jaslu permezz tal-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri, jindikaw li qegħdin jibdew jidhru riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi, u minħabba f'hekk huwa meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Barra minn hekk, għall-kunsinni tal-karawett mill-Brażil, l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri tindika li qegħdin jibdew jidhru riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-possibbiltà tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi, u għalhekk jenħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Għaldaqstant jenħtieġ li fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiddaħħlu l-entrati dwar dawk iż-żewġ prodotti bażiċi, bil-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 20 %.

(9) Minħabba l-frekwenza tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward il-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi identifikata waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, u minħabba l-kwantità kbira ta' notifiki li jaslu permezz tal-RASFF, jixraq li tiżdied għal 20 % l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-larinġ, il-mandolin, il-klementini, il-wilkings u fuq ibridi simili taċ-ċitru, fuq il-bżar ħelu u l-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu) mit-Turkija.

(10) Minħabba l-frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward il-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi identifikata waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi tiżdied għal 50 % fuq il-frott tas-siġra tal-ħobż mill-Malasja u fuq il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu) mill-Uganda.

(11) Minħabba n-notifiki li jaslu permezz tal-RASFF dwar il-kontaminazzjoni bir-residwi tal-ossidu tal-etilen, fir-rigward ta' ċerti kunsinni ta' okra mill-Indja, jenħtieġ li fl-analiżi li trid titwettaq fuq dan il-prodott bażiku tiżdied analiżi tal-ossidu tal-etilen u l-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità mal-fruntieri tal-Unjoni għall-preżenza tar-residwi tal-pestiċidi, fosthom tal-ossidu tal-etilen, li jridu jsiru fuq l-okra mill-Indja tiżdied għal 20 %.

(12) Minħabba l-frekwenza tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward il-kontaminazzjoni bl-aflatossini identifikata waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u minħabba l-kwantità kbira ta' notifiki li jaslu permezz tal-RASFF, jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-karawett mill-Istati Uniti tiżdied għal 20 %.

(13) Minħabba l-frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward il-kontaminazzjoni bis-*Salmonella* identifikata waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-ġulġlien mis-Sudan tiżdied għal 50 %.

(14) Minħabba l-frekwenza għolja tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward il-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi identifikata waqt il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-weraq tad-dielja mit-Turkija tiżdied għal 50 %.

(15) Għall-ġellewż u l-prodotti li jsiru mill-ġellewż li jiġu mill-Georgia, l-informazzjoni disponibbli tindika xejra favorevoli fil-grad ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward il-kontaminazzjoni bl-aflatossini. Jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-ġellewż u fuq il-prodotti li jsiru mill-ġellewż li jiġu mill-Georgia titnaqqas għal 20 %. Il-ġellewż u l-prodotti li jsiru mill-ġellewż li jiġu mit-Turkija u mill-Ażerbajġan qegħdin elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini. Biex tkun żgurata l-konsistenza tal-mitigazzjoni tar-riskji, jixraq li l-entrata eżistenti dwar il-ġellewż u l-prodotti li jsiru mill-ġellewż li jiġu mill-Georgia tiġi emendata biex tkun tkopri l-istess prodotti bħal dawk li joriġinaw mit-Turkija u mill-Ażerbajġan.

(16) Il-ġulġlien mill-Etjopja ilhom minn Jannar tal-2019 soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bis-*Salmonella*. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawk l-oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti fin-nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(17) Għalhekk jeħtieġ li apparti li jiżdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali, jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali rigward il-ġulġlien mill-Etjopja. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kunsinni kollha tal-ġulġlien mill-Etjopja jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali fejn ikun iddikjarat li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru li ma hemmx *Salmonella* f'25 g, kif previst fl-Artikolu 10(2)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jinhemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żerriegħa tas-*Sesamum* (ġulġlien) u tiddaħħal entrata dwar dik iż-żerriegħa fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(18) Il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew mhux) mis-Sri Lanka ilu minn Lulju tal-2017 soġġett għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali rigward il-preżenza tal-aflatossini. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawn l-oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti fin-nuqqas ta' konformità mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(19) Għalhekk jeħtieġ li apparti li jiżdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali, jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali rigward il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew mhux) mis-Sri Lanka. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kunsinni kollha ta' dak il-prodott bażiku mis-Sri Lanka jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali fejn ikun iddikjarat li ttieħdu l-kampjuni mill-prodotti u dawn ġew analizzati għall-identifikazzjoni tal-aflatossini, u r-riżultati kollha juru li ma nqabżux il-livelli massimi rilevanti tal-aflatossini. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jinhemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew mhux) mis-Sri Lanka, u tiddaħħal entrata dwar dak il-bżar fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(20) Rigward il-pistaċċi mill-Istati Uniti elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini, l-informazzjoni disponibbli tindika li b'mod ġenerali hemm konformità sodisfaċenti mar-rekwiżiti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, ma għadux iġġustifikat livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali għal dan il-prodott bażiku, u jenħtieġ li titħassar l-entrata dwaru fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(21) Biex tkun żgurata l-protezzjoni effiċjenti kontra r-riskji għas-saħħa li jista' jkun hemm minħabba l-kontaminazzjoni tal-karawett bl-aflatossini, jenħtieġ li fil-kolonni tal-"Għalf u ikel (użu intenzjonat)" u "Kodiċi NM" fit-Tabella 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, jiżdiedu t-termini "inklużi t-taħlitiet", u jenħtieġ li l-kodiċijiet tan-NM għat-taħlitiet jiżdiedu fir-ringieli li jirreferu għall-ġewż tal-art (karawett) ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor.

(22) Jixraq li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni għall-kunsinni tal-ġulġlien mill-Etjopja, u għall-kunsinni tal-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew mhux) mis-Sri Lanka, li ma jkollhomx ċertifikat uffiċjali magħhom, iżda li diġà kienu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll mal-fruntiera, konformi mar-rati ta' frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi armonizzati, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament.

(23) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ikel u għalf elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(24) Biex jiġu jaqblu ċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([4]) għall-kategoriji differenti tal-oġġetti, u biex tkun żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti l-ġodda dwar iċ-ċertifikazzjoni fiċ-ċertifikati uffiċjali, jixraq li jiġu emendati l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali u n-noti dwar kif għandu jimtela dak iċ-ċertifikat, li huma stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(25) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, jixraq li l-Annessi I, II, IIa u IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu sostitwiti kompletament.

(26) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġi emendat skont dan.

(27) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, il-punt 1(b)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(ii) kunsinni ta' ikel li fih żewġ ingredjenti jew iżjed, li fih kwalunkwe wieħed mill-oġġetti tal-ikel elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness II minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini fi kwantità ta' aktar minn 20 % ta' prodott wieħed, jew bħala total ta' dawk il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet tan-NM stabbiliti fit-tabella 2 ta' dak l-Anness;";

2. fl-Artikolu 2(1) jiżdied il-punt (c) li ġej:

   "(c) "pajjiż tal-oriġini" tfisser:

   (i) il-pajjiż minn fejn oriġinaw il-prodotti, fejn tkabbru, inħasdu jew ġew prodotti, fejn l-ikel u l-għalf huwa elenkat fl-Annessi minħabba l-possibbiltà tar-riskju tal-kontaminazzjoni bil-mikotossini, fosthom l-aflatossini, jew bit-tossini tal-pjanti, jew minħabba nuqqas ta' konformità possibbli mal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi permessi;

   (ii) il-pajjiż fejn l-oġġetti ġew prodotti, immanifatturati jew imgeżwrin, fejn l-ikel u l-għalf huwa elenkat fl-Annessi minħabba r-riskju li jkun fih is-*Salmonella* jew minħabba perikli differenti minn dawk speċifikati fil-punt (i).";

3. fl-Artikolu 8, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

   "3. L-ikel li fih żewġ ingredjenti jew iżjed elenkat fit-Tabella 2 tal-Anness II li fih prodotti li jaqgħu taħt entrata waħda biss fit-Tabella 1 tal-Anness II għandu jkun soġġett għall-frekwenza ġenerali tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II għal dik l-entrata.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

4. L-ikel li fih żewġ ingredjenti jew iżjed li hu elenkat fit-Tabella 2 tal-Anness II li fih prodotti li jaqgħu taħt diversi entrati għall-istess periklu fit-Tabella 1 tal-Anness II għandu jkun suġġett għall-ogħla frekwenza ġenerali tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II għal dawn l-entrati.";

4. L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

Aġġornamenti fl-Annessi

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-listi stabbiliti fl-Annessi I, II u IIa regolarment mill-inqas kull sitt xhur, sabiex tqis kull informazzjoni ġdida relatata mar-riskji u man-nuqqas ta' konformità.";

5. L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Perjodu tranżizzjonali

Il-kunsinni tal-ġulġlien mill-Etjopja u l-kunsinni tal-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (ħelu jew mhux) mis-Sri Lanka li ma jkollhomx magħhom ċertifikat uffiċjali u r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi f'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu jiġu aċċettati għad-dħul fl-Unjoni sas-13 ta' Jannar 2022.";

6. L-Annessi I, II, IIa u IV huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

Ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' kontroll mal-fruntiera u f'punti ta' kontroll

Ringiela	Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM [1]	Suddivižjoni TARIC	Pajjiż ta' oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%)
1	— Karawett, bil-qoxra	— 1202 41 00		**Il-Bolivja (BO)**	Aflatossini	50
	— Karawett, bla qoxra	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm mitħunin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixa tal-karawett ***(Ikel u għalf)***	— ex 1208 90 00	**20**			
2	— Bżar iswed (*Piper nigrum*) ***(Ikel – la mfarrak u lanqas mitħun)***	ex 0904 11 00	**10**	**Il-Brażil (BR)**	*Salmonella*[2]	50
3	— Karawett, bil-qoxra	— 1202 41 00		**Il-Brażil (BR)**	Aflatossini	10
	— Karawett, bla qoxra	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			Residwi tal-pestiċidi [3]	20
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm mitħunin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixa tal-karawett ***(Ikel u għalf)***	— ex 1208 90 00	**20**			
4	— Karawett, bil-qoxra	— 1202 41 00		**Iċ-Ċina (CN)**	Aflatossini	10
	— Karawett, bla qoxra	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				

	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm mitħunin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixa tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 1208 90 00	**20**			
5	Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) ***(Ikel – imfarrak jew mitħun)***	ex 0904 22 00	**11**	**Iċ-Ċina (CN)**	*Salmonella*([6])	20
6	Te, kemm jekk imħawwar jew le ***(Ikel)***	0902		**Iċ-Ċina (CN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([7])	20
7	Brunġiel (*Solanum melongena*) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)***	0709 30 00		**Ir-Repubblika Dominicana (DO)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	20
8	— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)	— 0709 60 10; 0710 80 51		**Ir-Repubblika Dominicana (DO)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([8])	50
	— Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu)	— ex 0709 60 99;	**20**			
		ex 0710 80 59	**20**			
	— Fażola tal-għajn Fażola tal-għajn (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*)	— ex 0708 20 00;	**10**			
	(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)	ex 0710 22 00	**10**			
9	— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)	— 0709 60 10; 0710 80 51		**L-Eġittu (EG)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([9])	20
	— Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu)	— ex 0709 60 99;	**20**			
	(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)	ex 0710 80 59	**20**			
10	— Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra	— 0802 21 00		**Il-Georgia (GE)**	Aflatossini	20
	— Ġellewż (*Corylus* sp.) bla qoxra	— 0802 22 00				
	— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	— ex 0813 50 39;	**70**			
		ex 0813 50 91;	**70**			
		ex 0813 50 99	**70**			
	— Paste tal-ġellewż	— ex 2007 10 10;	**70**			
		ex 2007 10 99;	**40**			
		ex 2007 99 39;	**05; 06**			
		ex 2007 99 50;	**33**			
		ex 2007 99 97	**23**			
	— Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet	— ex 2008 19 12;	**30**			
		ex 2008 19 19;	**30**			

		ex 2008 19 92;	**30**			
		ex 2008 19 95;	**20**			
		ex 2008 19 99;	**30**			
		ex 2008 97 12;	**15**			
		ex 2008 97 14;	**15**			
		ex 2008 97 16;	**15**			
		ex 2008 97 18;	**15**			
		ex 2008 97 32;	**15**			
		ex 2008 97 34;	**15**			
		ex 2008 97 36;	**15**			
		ex 2008 97 38;	**15**			
		ex 2008 97 51;	**15**			
		ex 2008 97 59;	**15**			
		ex 2008 97 72;	**15**			
		ex 2008 97 74;	**15**			
		ex 2008 97 76;	**15**			
		ex 2008 97 78;	**15**			
		ex 2008 97 92;	**15**			
		ex 2008 97 93;	**15**			
		ex 2008 97 94;	**15**			
		ex 2008 97 96;	**15**			
		ex 2008 97 97;	**15**			
		ex 2008 97 98;	**15**			
	— Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż	— ex 1106 30 90	**40**			
	— Żejt tal-ġellewż ***(Ikel)***	— ex 1515 90 99	**20**			
11	Żejt tal-palm ***(Ikel)***	1511 10 90; 1511 90 11; ex 1511 90 19; 1511 90 99	 **90**	**Il-Ghana (GH)**	Żebgħat tas-Sudan [10]	50
12	Weraq tal-curry (*Bergera/Murraya koenigii*) ***(Ikel — frisk, imkessaħ, iffriżat jew imnixxef)***	ex 1211 90 86	**10**	**L-Indja (IN)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [11]	50
13	(Ikel) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	**20** **30**	**L-Indja (IN)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [12] [22]	20
14	Fażola (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)***	0708 20		**Il-Kenja (KE)**	Residwi tal-pestiċidi [3]	10
15	Karfus Ċiniż (*Apium graveolens*) ***(Ikel – ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	ex 0709 40 00	**20**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [13]	50
16	Fażola tal-għajn Fażola tal-għajn (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) ***(Ikel – ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	**10** **10**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [14]	50

17	Turnips (*Brassica rapa* ssp. *rapa*) ***(Ikel – ippreparat jew ippreservat fil-ħall jew fl-aċidu aċetiku)***	ex 2001 90 97	**11; 19**	**Il-Libanu (LB)**	Rodamina B	50
18	Turnips (*Brassica rapa* ssp. *rapa*) ***(Ikel – ippreparat jew ippreservat fis-salmura jew fl-aċidu ċitriku, mhux iffriżat)***	ex 2005 99 80	**93**	**Il-Libanu (LB)**	Rodamina B	50
19	— Karawett, bil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm mit-ħunin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett — Dqiq u grixa tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 — 2305 00 00 — ex 1208 90 00	 **20**	**Il-Madagascar (MG)**	Aflatossini	50
20	Frott tas-siġra tal-ħobż (jackfruit) (*Artocarpus heterophyllus*) ***(Ikel – frisk)***	ex 0810 90 20	**20**	**Il-Malasja (MY)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	50
21	Ġulġlien ***(Ikel)***	— 1207 40 90 — ex 2008 19 19 — ex 2008 19 99	 **40** **40**	**In-Niġerja (NG)**	*Salmonella*([2])	50
22	Taħlitiet ta' ħwawar ***(Ikel)***	0910 91 10; 0910 91 90		**Il-Pakistan (PK)**	Aflatossini	50
23	Żerriegħa tad-dulliegħ (Egusi, *Citrullus* spp.) u l-prodotti dderivati minnha ***(Ikel)***	ex 1207 70 00; ex 1208 90 00; ex 2008 99 99	**10** **10** **50**	**Sjerra Leone (SL)**	Aflatossini	50
24	— Karawett, bil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm mit-ħunin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett Dqiq u grixa tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 — 2305 00 00 — ex 1208 90 00	 **20**	**Is-Senegal (SN)**	Aflatossini	50

25	Turnips (*Brassica rapa* ssp. *rapa*) ***(Ikel – ippreparat jew ippreservat fil-ħall jew fl-aċidu aċetiku)***	ex 2001 90 97	**11; 19**	**Is-Sirja (SY)**	Rodamina B	50
26	Turnips (*Brassica rapa* ssp. *rapa*) ***(Ikel – ippreparat jew ippreservat fis-salmura jew fl-aċidu ċitriku, mhux iffriżat)***	ex 2005 99 80	**93**	**Is-Sirja (SY)**	Rodamina B	50
27	Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**It-Tajlandja (TH)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([15])	20
28	— Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra	— 0802 21 00		**It-Turkija (TR)**	Aflatossini	5
	— Ġellewż (*Corylus* sp.) bla qoxra	— 0802 22 00				
	— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	— ex 0813 50 39;	**70**			
		ex 0813 50 91;	**70**			
		ex 0813 50 99	**70**			
	— Paste tal-ġellewż	— ex 2007 10 10;	**70**			
		ex 2007 10 99;	**40**			
		ex 2007 99 39;	**05; 06**			
		ex 2007 99 50;	**33**			
		ex 2007 99 97	**23**			
	— Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet	— ex 2008 19 12;	**30**			
		ex 2008 19 19;	**30**			
		ex 2008 19 92;	**30**			
		ex 2008 19 95;	**20**			
		ex 2008 19 99;	**30**			
		ex 2008 97 12;	**15**			
		ex 2008 97 14;	**15**			
		ex 2008 97 16;	**15**			
		ex 2008 97 18;	**15**			
		ex 2008 97 32;	**15**			
		ex 2008 97 34;	**15**			
		ex 2008 97 36;	**15**			
		ex 2008 97 38;	**15**			
		ex 2008 97 51;	**15**			
		ex 2008 97 59;	**15**			
		ex 2008 97 72;	**15**			
		ex 2008 97 74;	**15**			
		ex 2008 97 76;	**15**			
		ex 2008 97 78;	**15**			
		ex 2008 97 92;	**15**			
		ex 2008 97 93;	**15**			
		ex 2008 97 94;	**15**			
		ex 2008 97 96;	**15**			
		ex 2008 97 97;	**15**			
		ex 2008 97 98;	**15**			

	— Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż	— ex 1106 30 90	**40**			
	— Żejt tal-ġellewż ***(Ikel)***	— ex 1515 90 99	**20**			
29	Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*) (**Ikel – frisk, imkessaħ jew imnixxef**)	0805 50 10		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	20
30	Mandolin (inklużi tanġerini u satsumas); klementini, wilkings u ibridi simili taċ-ċitru ***(Ikel – frisk jew imnixxef)***	0805 21; 0805 22; 0805 29		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	20
31	Larinġ ***(Ikel – frisk jew imnixxef)***	0805 10		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	20
32	Rummien ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)***	ex 0810 90 75	**30**	**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([16])	20
33	— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)	— 0709 60 10; 0710 80 51;		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([17])	20
	— Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**			
34	Lewż tal-berquq mhux ipproċessat, sħiħ, miftuħ, maqsum, imqatta', maħsub biex jitqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali ([18]) ([19]) ***(Ikel)***	ex 1212 99 95	**20**	**It-Turkija (TR)**	Ċjanur	50
35	Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**L-Uganda (UG)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	50
36	— Karawett, bil-qoxra	— 1202 41 00		**L-Istati Uniti (US)**	Aflatossini	20
	— Karawett, bla qoxra	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm miftuħin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixa tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 1208 90 00	**20**			
37	— Berquq imnixxef	— 0813 10 00		**L-Użbekistan (UZ)**	Sulfiti ([20])	50
	— Berquq, ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Ikel)***	— 2008 50				

38	— Weraq tal-kosbor — Ħabaq (sagru, komuni) — Nagħniegħ — Tursin ***(Ikel – ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	— ex 0709 99 90 — ex 1211 90 86 — ex 1211 90 86 — ex 0709 99 90	**72** **20** **30** **40**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([21])	50
39	(Ikel) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	**20** **30**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([21])	50
40	Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (minbarra dak ħelu) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([21])	50

([1]) Meta jkun meħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti li jidħlu taħt kwalunkwe kodiċi tan-NM, il-kodiċi tan-NM jiġi mmarkat bl-ittri "ex" quddiemu.

([2]) Il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri tal-kampjunar u l-metodi ta' referenza analitika stabbiliti fil-punt 1(a) tal-Anness III.

([3]) Ir-residwi ta' mill-inqas dawk il-pestiċidi elenkati fil-programm ta' kontroll adottat f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) li jistgħu jiġu analizzati b'metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija ta' massa GC-MS, u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwida/spettrometrija tal-massa LC-MS (il-pestiċidi jridu jiġu ssorveljati biss fil-prodotti jew fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti).

([4]) Residwi tal-Amitraz.

([5]) Residwi tan-Nikotina.

([6]) Il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri tal-kampjunar u l-metodi ta' referenza analitika stabbiliti fil-punt 1(b) tal-Anness III.

([7]) Residwi tat-Tolfenpyrad.

([8]) Ir-residwi tal-Amitraz (amitraz li jinkludi l-metaboliti li fihom il-frazzjoni ta' 2,4 -dimetilanilina espressi bħala amitraz), tad-Diafenthiuron, tad-Dicofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), u tad-Ditijokarbamati (id-ditijokarbamati espressi bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mancozeb, il-metiram, il-propineb, it-thiram u ż-ziram).

([9]) Residwi tad-Dicofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), tad-Dinotefuran, tal-Folpet, tal-Prochloraz (is-somma tal-prochloraz u tal-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni ta' 2,4,6-Triklorofenol espressi bħala prochloraz), tat-Thiophanate-methyl u tat-Triforine.

([10]) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "Żebgħat tas-Sudan" tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin: (i) Sudan I (Numru CAS 842-07-9); (ii) Sudan II (Numru CAS 3118-97-6); (iii) Sudan III (Numru CAS 85-86-9); (iv) Aħmar Skarlat; jew Sudan IV (Numru CAS 85-83-6).

([11]) Residwi tal-Aċefat.

([12]) Residwi tad-Diafenthiuron.

([13]) Residwi tal-Phenthoate.

([14]) Residwi tal-Chlorbufam.

([15]) Residwi tal-Formetanate (is-somma tal-formetanate u tal-imlieħ tiegħu espressi bħala (kloridrat tal-) formetanate), tal-Prothiofos u tat-Triforine.

([16]) Residwi tal-Prochloraz.

([17]) Residwi tad-Diafenthiuron, tal-Formetanate (is-somma tal-formetanate u tal-imlieħ tiegħu espressi bħala (kloridrat tal-) formetanate), u tat-Thiophanate-metil.

([18]) "Prodotti mhux ipproċessati" kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

([19]) "It-tqegħid fis-suq" u "l-konsumatur finali" kif iddefinit fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([20]) Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

([21]) Residwi tad-Dizjokarbamati (id-dizjokarbamati espressi bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mancozeb, il-metiram, il-propineb, it-thiram u ż-ziram), tal-Phenthoate u tal-Quinalphos.

([22]) Residwi tal-ossidu tal-etilen (is-somma ta' ossidu tal-etilen u 2-kloro-etanol, espressa bħala ossidu tal-etilen).

ANNESS II

Ikel u għalf minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali għad-dħul fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, ir-residwi tal-pestiċidi, il-pentaklorofenolu u d-diossini u r-riskju tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika

1. **Ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali msemmija fl-Artikolu 1(1)(b)(i)**

Ringiela	Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Suddiviżjoni TARIC	Pajjiż ta' oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%)
1	— Karawett,	— 1202 41 00		**L-Arġentina (AR)**	Aflatossini	5
	— Karawett, bla qoxra	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98;				
		— ex 2008 19 12;	**40**			
		— ex 2008 19 13;	**40**			
		— ex 2008 19 19;	**50**			
		— ex 2008 19 92;	**40**			
		— ex 2008 19 93;	**40**			
		— ex 2008 19 95;	**40**			
		— ex 2008 19 99	**50**			
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm miħunin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixa tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 1208 90 00	**20**			
2	— Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra	— 0802 21 00		**L-Ażerbajġan (AZ)**	Aflatossini	20
	— Ġellewż (*Corylus* sp.) bla qoxra	— 0802 22 00				
	— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	— ex 0813 50 39;	**70**			
		ex 0813 50 91;	**70**			
		ex 0813 50 99	**70**			
	— Paste tal-ġellewż	— ex 2007 10 10;	**70**			
		ex 2007 10 99;	**40**			
		ex 2007 99 39;	**05; 06**			

		ex 2007 99 50;	**33**			
		ex 2007 99 97	**23**			
	— Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet	— ex 2008 19 12;	**30**			
		ex 2008 19 19;	**30**			
		ex 2008 19 92;	**30**			
		ex 2008 19 95;	**20**			
		ex 2008 19 99;	**30**			
		ex 2008 97 12;	**15**			
		ex 2008 97 14;	**15**			
		ex 2008 97 16;	**15**			
		ex 2008 97 18;	**15**			
		ex 2008 97 32;	**15**			
		ex 2008 97 34;	**15**			
		ex 2008 97 36;	**15**			
		ex 2008 97 38;	**15**			
		ex 2008 97 51;	**15**			
		ex 2008 97 59;	**15**			
		ex 2008 97 72;	**15**			
		ex 2008 97 74;	**15**			
		ex 2008 97 76;	**15**			
		ex 2008 97 78;	**15**			
		ex 2008 97 92;	**15**			
		ex 2008 97 93;	**15**			
		ex 2008 97 94;	**15**			
		ex 2008 97 96;	**15**			
		ex 2008 97 97;	**15**			
		ex 2008 97 98;	**15**			
	— Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż	— ex 1106 30 90	**40**			
	— Żejt tal-ġellewż ***(Ikel)***	— ex 1515 90 99	**20**			
3	— Oġġetti tal-ikel li fihom jew li jikkonsistu minn weraq tal-betel (*Piper betle*) ***(Ikel)***	ex 1404 90 00 [10]	**10**	**Il-Bangladesh (BD)**	*Salmonella* [6]	50
4	— Ġewż tal-Brażil bil-qoxra	— 0801 21 00		**Il-Brażil (BR)**	Aflatossini	50
	— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġewż tal-Brażil bil-qoxra ***(Ikel)***	— ex 0813 50 31;	**20**			
		ex 0813 50 39;	**20**			
		ex 0813 50 91;	**20**			
		ex 0813 50 99	**20**			

5	— Karawett, bil-qoxra	— 1202 41 00		**L-Eġittu (EG)**	Aflatossini	20
	— Karawett, bla qoxra	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98;				
		— ex 2008 19 12;	**40**			
		— ex 2008 19 13;	**40**			
		— ex 2008 19 19;	**50**			
		— ex 2008 19 92;	**40**			
		— ex 2008 19 93;	**40**			
		— ex 2008 19 95;	**40**			
		— ex 2008 19 99	**50**			
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm miṫunin jew f'forma ta' gerbub u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixa tal-karawett (***Ikel u għalf***)	— ex 1208 90 00	**20**			
6	— Bżar tal-ġeneru *Piper*; frott tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta*, imnixxef jew imfarrak jew miṫun	— 0904		**L-Etjopja (ET)**	Aflatossini	50
	— Ġinġer, żagħfran, żagħfran tal-Indja (turmeric, kurkuma), sagħtar, weraq tar-rand, curry u ħwawar oħrajn ***(Ikel — ħwawar imnixxfin)***	— 0910				
7	Ġulġlien ***(Ikel)***	— 1207 40 90		**L-Etjopja (ET)**	*Salmonella* (6)	50
		— ex 2008 19 19	**40**			
		ex 2008 19 99	**40**			
8	— Karawett, bil-qoxra	— 1202 41 00		**Il-Ghana (GH)**	Aflatossini	50
	— Karawett, bla qoxra	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inklużi t-taħlitiet	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98;				
		— ex 2008 19 12;	**40**			
		— ex 2008 19 13;	**40**			
		— ex 2008 19 19;	**50**			

		— ex 2008 19 92;	**40**			
		— ex 2008 19 93;	**40**			
		— ex 2008 19 95;	**40**			
